# GRAZZJI MAQLUGHA

*Rapport ta' Carmelina Busuttil fuq il-fejqan ta' Tessie Debono li toqgħod 55, Falzon Street, Sliema, li bil-permess tagħha dan ir-rapport qed jiġi ippubblikat.*

Tessie Debono kienet ilha tbati minn "ulcerative colitis" (infjammazzjoni b'ulċera fil-musrana fil-warrani) sa minn meta kellha 27 sena u issa għandha 57. Kienet tkun dejjem bil-kura, dieħla u ħierġa l-isptar. Spiss kienu jtuha ħasħażinijiet minħabba l-uġigħ, speċjalment dawn l-aħħar erba' snin u nofs.

F'Ġunju 1994, marret għand Mr. Anthony Zammit (*Surgeon*). Il-Profs. Caruana Galizia kien ħajjarha minn qabel biex tagħmel operazzjoni iżda kien wissieha li wara l-operazzjoni jkollha dejjem toqgħod bil-borża. Malli kien raha Mr. Zammit mill-ewwel induna li kienet gravi, u qallha li kellha tagħmilha mill-aktar fis.

Tessie daħlet l-isptar St. Luke's, f'Lulju 1994, u ħarġet xahrejn wara, f'Settembru. Qabel l-operazzjoni, fl-ewwel Ħadd ta' Lulju Miss Carmelina Busuttil kienet talbet lil Ġuża Mifsud biex titlob għal Tessie. Ġuża qaltilha: "Mela ma nitlobx", li tat lil Carmelina x'tifhem li Tessie kienet se tfiq imma mhux ħafif ħafif.

Carmelina u sħabha talbu ħafna lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni biex l-operazzjoni tirnexxi.

L-ewwel operazzjoni saret fis-16 ta' Lulju 1994. Però, minħabba l-emoraġija li kellha waqt l-operazzjoni, din kellha tieqaf u ssir operazzjoni oħra ġimgħa wara. Fl-ewwel operazzjoni Tessie kienet *weak* ħafna għax tilfet ħafna demm, tant li kellhom ituha 6 fliexken demm u spiċċat fl-I.T.U. Wara jumejn marret fil-*ward* u komplewlha l-kura. Tant kienet *weak* li fl-operazzjoni qalbha waqfitilha, kif immarkaw l-istrumenti.

Wara ġimgħa saret it-tieni operazzjoni; minħabba l-emoraġija kellhom jagħmlulha strument fil-warrani li bih kienet tbati ħafna, u la setgħet timxi u lanqas tiċċaqlaq. Kienet tiekol bi tbatija kbira.

Wara erba' ġimgħat setgħet tibda timxi u tiċċaqlaq. Imma l-istrument li għamlulha ġo l-warrani kien iweġġagħha ħafna u talbet lil Ġesù u lill-Madonna biex dan l-istrument joħroġ waħdu, għax ma felħitx aktar.

Darba ġiet in-*nurse* biex taħsilha u kien hemm il-professur li kuljum kien jipprova joħroġulha ftit ftit biex ma' tweġġax. X'kien l-iskantament tagħhom meta raw l-istrument ħiereġ waħdu!... Tessie lanqas indunat u ma ħasset xejn.

Sa hawn ir-rapport ta' Miss Carmelina Busuttil.

**Nota ta' l-Editur,**

Jiena, illum, 4 ta' Ġunju 1995, ċempilt lil Tessie Debono biex nitlobha xi spjegazzjoni u nistaqsiha kif inhi. Qaltli li hi dejjem titlob lill-Madonna u tixtieq tkun tista' tmur il-Girgenti. Hi tinsab tajba ħafna. Qaltli li kellhom ineħħulha biċċa kbira mill-musrana ffjammata u ħallewlha biċċa żgħira biss. Spiċċaw ukoll il-ħasħażinijiet li kien itiha spiss u tista' timxi normali, għalkemm bil-prudenza. Tessie tirringrazzja lill-Madonna għas-suċċess ta' din l-operazzjoni hekk serja.

Pubblikazzjoni Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 23 LULJU 1995 JITQASSAM BLA ĦLAS



*L-aħħar pellegrinaġġ ta' Mejju 1995*

# INTERVISTI LIL ĠUŻA MIFSUD

M'ilux kien hemm ir-rapport ta' intervista ta' Ġuża Mufsud f'waħda mill-gazzetti lokali li mliet żewġ faċċati tal-ġurnal.

Kulħadd jaf li Ġuża ma kellha l-ebda taħriġ ta' "elokuzzjoni" (kif tfisser ruħha bid-diskors) jew ta' "ġurnaliżmu". Għalhekk meta Ġuża tkellimna l-Girgenti, jew twieġeb għall-mistoqsijiet li jagħmlulha r-*reporters*, mhux dejjem tfisser sew il-ħsieb tagħha. Hi tkun taf sew xi trid tgħid imma d-diskors tagħha ma jwassalx dejjem b'mod ċar il-messaġġ li tkun trid tgħaddi lil ħaddieħor. Min ma jafx sew lil Ġuża jista' jifhem ħażin, jew mhux għal kollox, dak li tkun qed tgħid. Jiġri li min ikun qed jagħmel l-intervista u jkun forsi ltaqa' ma' Ġuża l-ewwel darba, ma jkunx kapaċi jifhem sew il-ħsieb tagħha biex ikun jista' jagħti ritratt siewi tal-ħajja twila, ħabrieka, kuraġġuża u qaddisa tagħha.

B'dana kollu, jgħidu x'jgħidu r-*reporters*, il-messaġġ ewlieni li twasslilna Ġuża mingħand il-Madonna hu ċar u urġenti: JEĦTIEĠ NITOLBU U NAGĦMLU PENITENZA u dawn it-tnejn imorru flimkien! Il-penitenza tieħu ħafna għamliet li nistgħu niġbru f'ħaġa waħda: ħajja sinċerament nisranija fejn issir ir-Rieda t'Alla f'kollox, kemm magħna nfusna u kemm fl-imġieba tagħna mal-oħrajn. Mingħajr dan l-atteġġjament it-talb jibqa' mingħajr bażi. Ġesù qal: *"Mhux min jgħidli 'Mulej, Mulej' jidħol fis-Saltna tas-Smewwiet iżda min jagħmel ir-Rieda ta' Missieri."*

Fl-intervista li semmejt fil-bidu, hemm parti li m'għandha xejn x'taqsam mal-missjoni ta' Ġuża Mifsud. Dak li ġara l-Italja ma jidħol xejn fil-ħajja ta' Ġuża. Min-naħa l-oħra, il-grazzji kbar li ġew rappurtati f'*Leħen il-Girgenti* dawn l-aħħar ħames snin, ma ssemmew xejn. Il-fenomeni tax-xemx li ġraw fit-tmienja ta' Ġunju 1988, għall-ħabta tas-sitta ta' wara nofsinhar u li damu sejrin għal xi siegħa, ma ngħatawx dik l-importanza li għandhom. Sintendi *reporter* li ma kienx jaf b'dawn l-għeġubijiet (u oħrajn) ma jistax jifhem x'ġara u dak li jgħid fi ftit kliem ma jistax iwassal il-verità kollha u b'mod ċar!

Ir-*reporter* jispiċċa l-artiklu tiegħu b'dawn il-kelmiet: "Fatima, Lourdes, Medjugorje, il-Girgenti; għandna bżonnhom, jew li ħalla Kristu għandu jkun biżżejjed?" Ta' min jistaqsi: "Għaliex din il-mistoqsija ma saritx lil Ġuża stess?" Żgur li din kienet ittih risposta li tissodisfah!

Jidhirli li m'għandniex nitkabbru bina nfusna tant li nippretendu li nistgħu ngħidu lil Alla u lill-Madonna x'għandhom jagħmlu llum biex isalvaw id-dinja.



Alla biss jista' jagħmel mirakli u meta jagħmilhom ikollu għalfejn jagħmilhom għax Alla ma jagħmel xejn għal xejn!

Id-dehriet ta' Ġesù, tal-Madonna u ta' qaddisin oħra ma jobbligawniex nagħmlu "att ta' fidi". Imma min ma jemminx fihom hi affarih u m'għandux ifixkel, imaqdar jew iżeblaħ lil min il-Madonna qed tinqeda bih, jew lil min irid jemmen f'dawn id-dehriet u l-grazzji li jinqalgħu.

ALLA JINQEDA B'MIN HU DGĦAJJEF U UMLI GĦALL-ISKOPIJIET TIEGĦU TA' ĦNIENA LEJN L-UMANITÀ.

**L-Editur**

# SILTIET MIL-LAQGĦAT FIL-GIRGENTI

## Miġbura minn Dr. Sylvana Spiteri

### FRAR 1995

"Dak li qegħdin niġu hawn fuq u nsofru ftit noffruh għat-tpattija ta' dnubietna, għall-bżonnijiet u għall-konverżjoni ta' dawk illi telqu mill-fidi... Il-Madonna jisgħobiha illi m'għadniex bl-istess imħabba, bl-istess qies li konna fil-passat. Dak iż-żmien kien kollox il-Mulej, f'kollox konna naġixxu bħal aħwa imma llum le...

Jiena ż-żmien tiegħi ngħaddih fit-talb. Jiena m'iniex ngħidilkom biex ma tgħadduhx quddiem it-*television* imma... jiena ngħid li dawk huma affarijiet li ma tieħu xejn minnhom. Ftakru li t-talb jibqa' allavolja xi kultant ikun bil-bruda, dan it-talb ma jkunx ħiereġ mill-qalb għax ikollna nkwiet u ntoppi; imma tikkonfondux għax il-Mulej qiegħed fejna, l-ispirtu tal-Mulej qiegħed jiggwidana; il-Madonna mill-banda l-oħra qegħda tagħtina ħafna għajnuna u ma naqtgħux qalbna għax il-Mulej jekk nitolbuh bil-qalb jagħtina... Mhux veru li nitolbu għal xejn. Bħalissa d-dinja kollha qegħda tieħu mill-bard li qegħdin inħossu aħna hawn fuq...

Ma nisthux Malta appostolika, kattolika u minn kollox... u hawn dan is-serq kollu ġo Malta. Ejjew intom li tisirqu quddiem il-Madonna ħa nagħmlu paċi. Ejjew intom li toboghdu. Ġesù ġibhom lil dawk li joboghdu ħalli naqbdu id f'id u ma jkunx hawn mibegħda iżjed...

Ġo Malta issa nqlibna ta' taħt fuq. U dan sew, dan id-divorzju. Ommi kellha wieħed u tmenin sena u anka missieri. U mela qatt ma ġġieldu? Imma dejjem irrispettaw lil xulxin. Inkella hawn ħafna li raġel jieħu mara ta' raġel ieħor u mara tieħu raġel ta' mara oħra. Dan mhux sew għax isir l-inkwiet, ikun hawn it-tħarbit, ikun hawn il-mibegħda, ikun hawn l-intoppi mhux fid-dar biss imma anka fil-pajjiż. Jien ngħid għalija nitlob